# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 31b/KA1/13

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 25/07/'13 31**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 25/07/'13 41**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar il-Ħamis 25 ta' Lulju 2013.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-10.00a.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Ċermen Richard Scicluna
Il-Membru Joseph Oliva
Il-Membru Maria Dolores Falzon
Il-Membru Michael La Rosa

Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Connie Said

Skuzati: Is-Sindku Peter Bonello

1.04 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.05 Iċ-Ċermen ippresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fid-19 ta' Lulju 2013. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Aġġornament - Co-option ta' Membru
4. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq għall-approvazzjoni l-Minuti 30/KA1/13 u l-Minuti 31/KA1/12 u pproponihom.

1.3.02 Il-Membru Michael La Rosa ssekondah.

1.3.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| P290, KA120 P364 & KA139 | Korrispondenza rigward trinka fi Triq San Ġużepp. |
| P276, KA112 & P390 | Korrispondenza rigward *zebra crossings* fit-toroq ta' Paceville. |
| K0039 & P327 | Korrispondenza rigward *sleeping policeman u double yellow line* fi Triq Dragunara. |
| P369 | Email mingħand it-Transport Malta rigward laqgħa li ser issir nhar l-Erbgħa 26 ta' Gunju 2013 dwar iż-*zebra crossings* ta' Paceville. |
| P371 | Email mingħand il-Perit Anton Camilleri rigward latrina pubblika ġewwa Paceville. |
| P376 | Email mingħand it-Transport Malta rigward il-*bollards* fuq il-bankina fi Triq Paceville, Triq Wilġa u Triq il-Knisja. |
| P389 | Email mingħand il-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura rigward servizz addizzjonali ta' knis u ħasil tat-toroq f'Paceville. |

P410 & P416 Korrispondenza mal-Awtorita' tat-Turiżmu rigward servizz addizzjonali tat-tindif.

P403 Talba mingħand is-Sur Raul Cuevas Lopez biex titpoġġa *photostand* għal żmien temporanju ġo Triq Elija Zammit.

P404 Talba mingħand Ms. Angel Orheruata biex titpoġġa stand tal-*hair braiding* fi Triq San Ġorġ ħdejn Hugos.

P412 Email mingħand il-Perit John Rizzo Naudi rigward proposta għall-bankina ta' ħdejn il-Buco Snack Bar, Triq San Ġorġ.

P420 Email mingħand it-Transport Malta rigward *double yellow lines* faċċata tal-Millennium Chapel.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. P290, KA120, P364 & KA139

2.02 Saret riferenza għall-korrispondenza rigward trinka fuq il-bankina fi Triq San Ġużepp li saret minn Polidano Bros. Ltd. għan-nom tal-Melita plc. Ġie deċiz unanimament li l-Kumitat jinforma lill-Amministrazzjoni dwar jekk sarx ir-*reinstatement* tal-bankina bil-*paving blocks* kif kienet oriġinarjament.

Rif. Nru. P276, KA112 & P390

2.03 Saret riferenza għall-korrispondenza rigward iż-*zebra crossings* fit-toroq ta' Paceville. Ġie deċiż unanimament li fir-rigward inc. P390/13 it-Transport Malta tiġi nfurmata li:-

a) l-Kumitat Amministrattiv Paceville jaqbel mal-rakkomandazzjonijiet;

b) b'riferenza għaż-*zebra crossing* ta' Triq il-Knisja, il-Kumitat Amministrattiv m'għandux il-finanzjament sabiex jipprovdi il-*layout plan* mitluba, iżda l-Kumitat Amministrattiv jesiġi li din iż-*zebra crossing* titressaq kif ġie diskuss waqt is-*site meeting*.

Rif. Nru. P371

2.04 B'riferenza għal email minghand is-Sur Anton Camilleri rigward latrina pubblika ġewwa Paceville, ġie deċiż

unanimament li l-Perit Anton Camilleri jiġi nfurmat li l-Kumitat Amministrattiv m'għandux il-finanzjament sabiex iqabbad Perit biex japplika għal dawn il-permessi, iżda japprezza li din il-latrina pubblika ssir.

Rif. Nru. P403

2.05 B'riferenza għat-talba mingħand is-Sur Raul Cueves Lopez biex titpoġġa *photostand* għal żmien temporanju ġo Triq Elija Zammit, ġie deċiż unanimament li din it-talba tiġi riferuta lill-Pulizija qabel jinħareġ xi permess.

Rif. Nru. P404

2.06 B'riferenza għat-talba mingħand is-Sinjura Angel Orheruata biex titpoġġa stand tal-*hair braiding* fi Triq San Ġorġ ħdejn il-Hugos, ġie deċiż unanimament li din it-talba ma tiġiex milqugħa.

Rif. Nru. P412

2.07 Saret riferenza għal e-mail mingħand il-Perit John Rizzo Naudi rigward proposta għall-bankina ta' ħdejn il-Buco Snack Bar, fi Triq San Ġorġ. Ġie deċiż unanimament li l-Kumitat Amministrattiv ma jsibx oġġezzjoni dment li qabel jinħarġu l-permessi kollha meħtieġa mingħand l-awtoritajiet ikkonċernati u li x-xogħolijiet jsiru għas-spejjeż tiegħu.

Rif. Nru. 420

2.08 B'riferenza għal email mingħand it-Transport Malta rigward *double yellow lines* faċċata tal-Millennium Chapel, ġie deċiż unanimament li l-Kumitat Amministrattiv ma jaqbilx ma' din il-proposta peress li jitnaqqas il-parkeġġ għall-pubbliku u jinħoloq preċedent.

## 3 Aġġornament - *Co-option* ta' Membru

3.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kumitat li għalissa m'għandu lil ħadd li jista' jiġi co-opted.

## 4 Komunikazzjoni miċ-Ċermen

4.01 Il-Kumitat Amministrattiv ġie nfurmat li wara l-laqgħa ta' nhar l-Erbgħa 12 ta' Ġunju 2013, li saret ma' l-Onor. Joe Mizzi ntbagħtet korrispondenza KA0123/210-13/1MC fejn ġie

nfurmat bis-suġġerimentti tal-Kumitat dwar iż-*zebra crossings* li hemm ġewwa Paceville, korrispondenza KA0122/210-13&Pes.Fl/13-CCF bil-kummenti tal-Membru Michael La Rosa kif ukoll korrispondenza K0760/210-13/13-MC li tinkludi t-talba biex ġewwa Paceville jsiru latrini pubbliċi, u biex Paceville ma tibqax bi ħruġ wieħed (Ara Appendiċi 'A, B u C').

4.02 Iċ-Ċermen ġibed l-attenzjoni li hemm nuqqas ta' ordni pubblika ġewwa Paceville speċjalment fi Triq Paceville, għaldaqstant ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex issir aktar sorveljanza fi Triq Paceville minħabba s-sewqan sfrenat u l-istorbju mill-bars li jkun hemm ta' kuljum mit-8.00pm 'il quddiem.

4.03 Ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-ALE Section biex jiġi spezzjonat li l-baga li hemm bejn il-Lukanda Westin u l-Lukanda Hilton, li tintuża mid-*diving club* tal-Westin Dragonara, għandiex il-permess u d-distanza meħtieġa biex ma tkunx ta' periklu għall-pubbliku.

4.04 Il-Membru Michael La Rosa ġie skużat fil-11.20a.m.

**5 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

5.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

5.02 Il-Membru Joe Oliva pproponihom.

5.03 Iċ-Ċermen issekondah.

5.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**6 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 232 sa nru. 244 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

6.02 Il-Membru Maria Dolores Falzon ipproponiethom.

6.03 Iċ-Ċermen issekondaha.

6.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

6.05 Il-laqgħa għax-xahar ta' Awwissu ser issir nhar it-Tlieta 6 t'Awwissu 2013 fl-10.00a.m u għax-xahar ta' Settemrbu ser issir nhar it-Tlieta 24 ta' Settembru 2013 fl-10.00a.m.

6.06 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fil-11.30a.m.

**Richard Scicluna**
**Ċermen**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**